**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 4 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 207/01 JB**

**Apex Interiors Ltd.**

**vs**

**Brian u Henriette konjugi Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm 172.00c (mija u tnejn u sebghin liri) minghand il-konvenut ghal bejgh u konsenja ta' soffitt.

Il-konvenuti eccepew li ma humiex il-legittimu kontradittur ghall-istess talbiet billl ma taw l-ebda ordni fil- vesti taghhom personali.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda prodotti.

Ikkunsidra

Illi dak li huwa lampanti ex admissis illi din il-kawza hija frott ta' pika bejn l-istess kontendenti ghaliex mhux senjatament fil-kapacita' hemm indikata. Dana hareg kollhu fil-produzzjoni tax-xhieda u mid-dokumenti esebiti u mit- trattazzjoni orali tal-kaz ghax ma hemm l-ebda referenza la fl-avviz u lanqas fir-risposta.

Illi jirrizulta li l-konvenuti ppruvaw juzaw sratagemma li biha seta’ jithallas missierhom mill-kumpanija attrici dak li kien dovut lilu mill- managing director personalment tal-kumpanija attrici.

L-konvenuti ordnaw xoghol minghand is-socjeta attrici bl-intendiment li ssir tpacija mal-kreditu dovut. Hekk xehed il-konvenut fis-seduta tal- 4 ta’ Mejju, 2001.

Illi dak li huwa nkwetanti huwa l-hsieb meskin taghhom li dan it-Tribunal seta’ jissancixxi l-agir illecitu taghhom. Gie minnhom ikkonfermat ulterjorament fis-seduta tal- 5 ta’ Lulju, 2001 mill-istess konvenuta u Carmelo Calleja.

Qatt ma qalu sia lil Joseph Vella, direttur u Mario Sacco impjegat mas-socjeta’ attrici li x-xoghol kien ghal kumpanija taghhom jew li ma kienux ser ihallsu ghalih. L-ordni ghamluha fil-vesti taghhom personali. Lanqas ndenjaw ruhhom jikkjamaw fil-kawza l-istess socjeta’ taghhom.

Illi mhux hekk izda d-difiza tat- tpacija giet sollevata unikament fl-istadju tat-trattazzjoni. Ghalkemm din hija procedura irregolari jigi rilevat ’obiiter’ biex tpacija tkun valida trid tkun tikkoncerna kreditu cert, likwidu u dovut ( Art. 1196-1201 tal- Kap 16) ukoll Qorti Appell Superjuri, - Philip Grima vs Victor Mamo et.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta’ Lm 172 (mija u tnejn u seghin liri) kif miltuba bl-ispejjez skond il-ligi u bl-interessi; sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**